**19 ta' Ottubru, 1988**

**Imhallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Superintendent Carmel Bonello *et*

*versus*

Onorevoli Prim Ministru *et*

**Rikors Kostituzzjonali – Forma ta' – Nullità ta' – Fatti**

## f' – Deskrizzjoni ta' Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Diskriminazzjoni

*Ir-rikorrenti impjegati tal-Korp tal-Pulizija, adixxew il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għax allegaw li kienu sofrew disrkiminazzjoni minħabba l-fehmiet politiċi tagħhom meta ttieħdu passi dixxiplinarji kontra tagħhom quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux kontra oħrajn. B'sentenza "in parte" l-Prim'Awla ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-intimati tan-nullità tal-proċedura intentata mir-rikorrent. Wara appell interpost mill-Prim Ministru, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ir-rikors kien fih fil-qosor elenku tal-fatti fuq il-bażi ta' liema kien qiegħed jintalab ir-rimedju kostituzzjonali. Ma kienx hemm għalfejn l-istess fatti jiġu mnizzla fid-dettal imma indikazzjoni ġenerika tagħhom kienet suffiċjenti.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Awissu 1988, li bih is-Superintendent Carmel Bonello, Spettur David Stubbings, Spettur Noel Schembri, l-Ispettur Joseph Picco u s-Surġent tal-Pulizija Mario Cassar, wara li ppremettew illi huma jinsabu *'charged'* quddiem il-*Public Service Commission* bi trattament inuman u degradanti versu nies li kellhom arrestati jew miżmuma minnhom;

Illi reċentement, wara inkjesta li r-rapport tagħha tqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappresentanti, irriżulta li diversi uffiċjali membri tal-Korp tal-Pulizija waqt li kienu qed jaqdu fil-ħabs ċivili huma responsabbli ta' trattament inuman u degradanti;

Illi wara l-istess inkjesta, lil ċerti nies li l-kulur politiku tagħhom kien magħruf, minflok tressqu għall-proċeduri

dixxiplinari ngħataw saħansitra karigi ogħla fil-Korp tal-Pulizija;

Illi dan hu trattament diskriminatorju minħabba kulur politiku, jew fehma;

Illi dan hu bi ksur tal-Kostituzzjoni fl-artikolu 45, kif ukoll ksur ta' l-artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Talbu:

a) Li dik il-Qorti immedjatament tagħti ordni għat-termini ta' l-artikolu 46(2) liċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission* biex iwaqqaf il-proċeduri pendenti kontra l-esponenti, u dan ukoll in konformità ma' deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Rosanne Galea *vs* Onor. Prim Ministru;

b) Tordna definittivament li jitwaqqfu l-proċeduri kontra tagħhom, u dan billi tuża l-poteri lilha mogħtija bl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Awissu 1988 li biha:

Ikkunsidrat:

"Dwar l-eċċezzjoni preliminari ssollevata miċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku illi hija prattika kostantement adotta f'kawżi mibdija taħt id-disposizzjoni ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar ksur ta' drittijiet u libertajiet fundamentali ta' l-individwu, illi taħt l-isem tal-Qorti, fejn tkun ġiet istitwita l-kawża, jiżdiedu f'parantesi l-kliem 'Sedi Kostituzzjonali', dina hija l-indikazzjoni ta' xogħol fid-diversi

awli partikolari li l-Qorti Ċivili *Prim'Awla* għandha presjeduti minn imħallfin differenti. B'dina l-indikazzjoni tiġi mill-ewwel individwalizzata l-materja in kontestazzjoni. Fiha nnifisha dina l-indikazzjoni la tiddetrai mill-fatt illi tkun ġiet adita l-Qorti Ċivili Prim'Awla, li hija l-Qorti vestita bil-ġurisdizzjoni f'kawżi ta' dina *x-xorta* u l-*anqas* ma tagħmel minn dina l-Qorti xi waħda oħra li m'hijiex dik li trid il-liġi u mill-istess liġi mwaqqfa;

"L-eċċezzjoni ssollevata fuq imsemmija m'hijiex ibbażata fid-dritt u għalhekk qiegħda tiġi respinta bl-ispejjeż kontra ċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

Ikkunsidrat:

"Dwar l-eċċezzjoni ssollevata mill-Onorevoli l-Prim Ministru fis-sens illi r-rikors ma fihx imsemmija fil-qosor u biċċar, il-fatti li fuqhom jibbażaw l-ilmenti tagħhom ir-rikorrenti, għandu jingħad illi fir-rikors qiegħda ssir riferenza għal fatt illi f'*rapport mqiegħed* fuq il-mejda tal-Kamra tad-Deputati li minnu jidher illi xi membri tal-Korp tal-Pulizija (li m'humiex ir-rikorrenti) kienu ġew misjuba responsabbli ta' trattament inuman u degradanti waqt il-qadi tad-doveri fil-Ħabs Ċivili. Imbagħad jissemma l-fatt illi lil ċerti nies, li l-kulur politiku tagħhom huwa magħruf, minflok sarulhom il-proċeduri dixxiplinari wara s-sejba fl-inkjesta, ingħatatilhom kariga ogħla milli kellhom qabel fil-korp tal-Pulizija;

"Ir-rikorrenti jallegaw li bil-fatt illi huma qegħdin jiġu *charged* quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq akkużi ta' l-istess natura, jiġifieri trattament inuman u degradanti versu nies li kellhom miżmuma jew arrestati taħthom, qegħdin jinkisru d-drittijiet tagħhom imsemmija fl-artikolu 45 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att Numru XIV ta' l-1987 billi, kif ipoġġuha huma, 'dan hu trattament diskriminatorju minħabba kulur politiku jew fehma';

''Fil-fehma tal-Qorti – dejjem salva l-prova li trid issir talfatti appena msemmija – mingħajr il-ħtieġa li ssir prova dwar l-opinjoni politika li jħaddan, jekk iħaddan, kull wieħed mirrikorrenti (prova li, kif irriżulta waqt it-trattazzjoni orali li saret fis-17 t'Awissu 1988, m'hijiex sejra titressaq mir-rikorrenti), dawna l-fatti msemmijin fir-rikors huma indikattivi biżżejjed biex jippreċiżaw il-bażi li fuqha ġew magħmulin it-talbiet tar-rikorrenti, u għalhekk ir-rikors tagħhom m'huwiex nieqes minn dak li jrid ir-regolament 3(2) tal-*Fundamental Rights and Freedoms Rules of Court 1964*, ippubblikati bl-Avviż Legali Numru 48 ta' l-1964;

''Il-Qorti għalhekk ma tarax il-bżonn li tagħti xi ordni rimedjali taħt il-provvediment tal-*proviso* għall-paragrafu (2) tar-regolament 3 tal-*Fundamental Rights and Freedom Rules of Court 1964*, kif mitlub fir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru fuq imsemmija;

''L-ispejjeż relattivi għal dan l-inċident jibqgħu definittivament a karigu ta' l-istetss Onor. Prim Ministru;

''Ikkunsidrat fl-aħħarnett, b'riferenza għall-oġġezzjoni da parti taċ-*Chairman* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għall-produzzjoni ta' kopja tar-rapport fl-inkjesta msemmija aktar 'il fuq għar-raġuni, kif jallega l-istess *Chairman,* illi r-rapport ma jikkostitwixxi, skond ir-regoli tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, prova tal-kontenut tiegħu, illi għandu jingħad dak ir-rapport mhux sejjer jiġi ammess biex

ikun hemm prova jekk verament il-persuni fih imsemmija humiex jew le responsabbli ta' *trattament* inuman u degradanti lejn ħaddieħor iżda jista' jiġi ammess bħala l-aħjar prova biex turi li dawk il-persuni ġew misjuba hekk responsabbli fl-imsemmi rapport (sottolinear *tal-Qorti*), prova dina li hija ammissibbli u rilevanti għall-vertenzi pendenti quddiemha;

"*Għalhekk il*-Qorti ma tilqax l-oġġezzjoni għall-produzzjoni tal-kopja ta' l-imsemmi rapport issollevata miċ-*Chairman* ta' l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku – spejjeż ta' l-*inċident* definittivament għall-istess intimat *Chairman* tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku;

"Il-Qorti tordna li s-smigħ tal-kawża jissokta skond il-liġi";

Rat ir-rikors ta' l-Onorevoli Prim Ministru ppreżentat fis-26 ta' Awissu 1988, li bih għar-raġunijiet hemm esposti talab li *dina l*-Qorti tirriforma *d-deċiżjoni* appellata billi tirrevoka dik il-parti mid-deċiżjoni fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-appellant illi r-rikors promotorju ma fihx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Avviż Legali 48 ta' *l-1964 u tiddeċidi* minflok illi l-istess rikors ma fihx l-imsemmija rekwiżiti meħtieġa skond l-imsemmi Avviż Legali 48 ta' l-1964 u tagħti l-provvediment opportun u tikkonfermaha fil-*kumplament* tagħha, bl-ispejjeż *taż-żewġ istanzi* kontra r-rikorrenti appellati;

Rat ir-risposta ta' l-appell tas-Superintendent Carmel Bonello, l-Ispettur David Stubbings, l-Ispettur Noel Schembri, l-Ispettur Joseph Picco u s-Surġent Mario Cassar ippreżentata fil-31 ta' Awissu, 1988;

Rat ir-risposta taċ-*Chairman* tal-*Public Service Commission* ippreżentata fit-12 ta' Settembru 1988;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza li ddeċidiet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-appellant;

L-appellant qiegħed jissottometti fl-ewwel lok li l-ewwel Qorti, wara li osservat fis-sentenza appellata li "dawn il-fatti imsemmija fir-rikors huma indikazzjoni biżżejjed biex jippreċiżaw il-bażi li fuqha ġew magħmulha t-talbiet tar-rikorrent, "għaddiet biex ikkwotat il-paragrafu (2) tar-regolament (3) ta' l-Avviż Legali 48 ta' l-1964, meta n-nuqqas li l-appellant kien qed jilmenta minnu kien dwar ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu (1) tar-regolament (3) u mhux il-paragrafu (2) imsemmi fis-sentenza u kwindi l-*proviso* tal-paragrafu (2) imsemmi wkoll fis-sentenza ma kellu x'jaqsam xejn mad-deċiżjoni;

Jidher li din l-oġġezzjoni ta' l-appellant hija fondata. Ir-regolament (3) fil-paragrafu (10) jiddisponi li r-rikors (ċjoè r-rikors promotorju tal-ġudizzju) għandu jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti li minnhom inħoloq l-ilment u għandu jsemmi d-disposizzjoni jew id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jkunu x'aktarx ser jiġu miksura, mentri fil-paragrafu (2) jiddisponi li r-rikors għandu wkoll jispeċifika r-rimedju mitlub mir-rikorrent, liema paragrafu jkompli jgħid fil-*proviso* tiegħu;

"'Iżda l-Qorti tkun tista', jekk ir-rikors jiġi milqugħ, tagħti kull rimedju ieħor fil-ġurisdizzjoni tagħha li tkun tqis bħala aktar xieraq";

Imbagħad l-istess regolament (3) f'paragrafu ieħor – il-paragrafu (3) ikompli jiddisponi li nuqqas tat-tħaris fir-rikors tal-ħtiġijiet tal-paragrafi (1) u (2) ma jagħmilx ir-rikors null iżda l-Qorti tkun tista' f'kull każ *bħal dan tordna lir-rikorrent li* jippreżenta f'dak iż-żmien li l-Qorti tistabilixxi nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa, u l-ispejjeż ta' dak l-ordni għandu jbatihom ir-rikorrent;

Huwa evidenti għalhekk li l-paragrafi (1) u (2) tar-regolament (3) jirrigwardaw ir-rekwiżiti tar-rikors mentri l-paragrafu (3) jawtorizza lill-Qorti, f'każ ta' nuqqas ta' tħaris *ta' l-imsemmija rekwiżiti li tordna lir-rikorrent li jissana n-nuqqas* tiegħu billi jagħmel nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa;

L-eċċezzjoni ta' l-appellant quddiem l-ewwel Qorti kienet preċiżament f'dan is-sens. Huwa talab lill-Qorti li tordna lir-rikorrenti li jissanaw id-difett allegat minnu fir-rikors skond it-termini ta' l-imsemmi paragrafu (3). Minflok però jidher ċar minn eżami tas-sentenza appellata li fil-kors tar-raġunamenti tagħha, l-ewwel Qorti marret bi żball fuq il-paragrafu (2) tar-regolament (3) u kkontemplat ir-rimedju ta' l-istess paragrafu (2) li ma kellux x'jaqsam mal-kwistjoni ssollevata billi jirrigwarda r-rimedju li talvolta l-Qorti tagħti fuq il-mertu tar-rikors;

Ikkunsidrat:

L-appellant qiegħed jissottometti wkoll li n-nuqqas ta' *"Clear and concise statement"* tal-fatti li minnu jinħoloq l-ilment

jidher ċar mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Awissu 1988, fejn ir-rikorrenti rrifjutaw jagħtu l-iċken tagħrif fuq il-fatti li suppost kienu l-bażi ta' paragun li fuqu saret għażla allegatament a bażi diskriminatorja. Ir-rikorrenti naqsu jindikaw il-persuni allegatament menzjonati fir-rapport li l-kulur tagħhom kien magħruf kif ukoll irrifjutaw li jgħidu x'inhu l-kulur politiku tagħhom;

Ir-regolament 3(1), kif ġà ngħad, jiddisponi li r-rikors għandu jkun fih b'mod konċiż u ċar il-fatti "li minnhom jinħoloq l-ilment". Il-fatti għalhekk mhux biss iridu jkunu konċiżi u ċari iżda jridu jkunu tali "li minnhom jinħoloq l-ilment tar-rikorrent";

Eżami tar-rikors promotorju juri li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw li huma qegħdin isofru trattament diskriminatorju minħabba kulur politiku jew fehma, u dan bi ksur tal-Kostituzzjoni fl-artikolu 45 kif ukoll bi ksur ta' l-artikolu 14 ta' l-ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987. Dak huwa l-ilment tagħhom;

Issa x'inhuma l-fatti allegati mir-rikorrenti li minnhom inħoloq l-imsemmi ilment tagħhom? Eżami tar-rikors promotorju juri li r-rikorrenti, wara li jgħidu li huma jinsabu *"charged"* quddiem il-*Public Service Commission* bi trattament inuman u degradanti versu nies li kellhom arrestati jew miżmuma minnhom, ikomplu jgħidu li reċentement wara inkjesta, li r-rapport tagħha tqiegħed fuq il-medja tal-Kamra tar-Rappreżentanti, irriżulta li diversi uffiċjali membri tal-Korp tal-Pulizija, waqt li kienu qed jaqdu fil-Ħabs Ċivili, huma responsabbli ta' trattament inuman u degradanti. Ir-rikorrenti qegħdin jgħidu wkoll li wara l-istess inkjesta lil ċerti nies li l-

kulur politiku tagħhom kien magħruf, minflok tressqu għal proċeduri dixxiplinari, ingħataw saħansitra karigi ogħla fil-Korp tal-Pulizija. Dana jissoktaw ir-rikorrenti, huwa trattament diskriminatorju;

Il-Qorti tifhem minn dan kollu li l-ilment tar-rikorrenti ta' trattament diskriminatorju qiegħed jiġi bbażat fuq l-allegazzjoni li fil-waqt li huma qegħdin jiġu *"charged"* bi trattament inuman *u degradanti versu nies li kellhom* arrestati jew miżmuma minnhom, persuni oħra, li fuq inkjesta nstabu responsabbli ta' trattament inuman u degradanti, minflok tressqu għal proċeduri dixxiplinari, minħabba l-kulur politiku tagħhom ingħataw saħanistra karigi ogħla fil-Korp tal-Pulizija;

Issa naturalment jekk dik l-allegazzjoni hijiex ibbażata jew le jiddependi mill-provi li jsiru u tisma' l-ewwel Qorti; iżda fil-*fehma kkonsiderata tal-Qorti ma jistax jingħad li r-rikorrenti ma* semmewx fatti biżżejjed li minnhom jista' jinħoloq l-ilment ta' diskriminazzjoni. Il-fatti huma, skond ma jallegaw ir-rikorrenti, li ċerti nies oħra, misjuba responsabbli, f'inkjesta, ta' trattament inuman u degradanti, minflok li ġew assoġġettati bħar-rikorrent għal passi dixxiplinarji, ġew saħanistra mogħtija karigi ogħla fil-Korp tal-Pulizija u b'dan il-mod ir-rikorrenti sofrew diskriminazzjoni minħabba l-kulur politiku jew fehma tagħhom. *Il-fatt li ma ssemmiex mir-rikorrenti fir-rikors min huma dawn* in-nies l-oħra ma jfissrix li b'daqshekk ma ssemmewx fatti biżejjed li minnhom jista' jinħoloq l-ilment tar-rikorrenti. Lanqas jista' jkun ta' preġudizzju għall-appellant, jekk u meta fil-provi tagħhom, biex jippruvaw jissostanzjaw l-allegazzjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti jidentifikaw dawn in-nies l-oħra, l-appellant dejjem ikun jista' jtella' l-provi tiegħu in propożitu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru fuq l-eċċezzjoni preliminari tiegħu u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant. Il-Qorti tordna li l-atti tal-proċess jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.